MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 438/2010

**Go p.l.c. – C-22334**

**vs**

**Maria Lourdes Pisani - I.D. 359967-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija tnejn u hamsin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€452.77c), liema ammont huwa dovut lis-Socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz ta’ telekomunikazzjoni bl-akkont numru *AC 40088509* skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti annessi, IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv u IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku.
Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta’ erba’ mija tnejn u hamsin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€452.77c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------